MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 1426/1998/1

**Grezzju Fenech**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jikkonsenja lill-istess attur fi zmien qasir u perentorju illi tistabilixxi l-Qorti dawk l-oggetti kollha ndikati fid-dokument A anness mal-avviz u cioe' par xbiek tal-insib, zewg goggi, gabjun, sittax il-gabjetta u sbatax il-ghasfur ta' l-ghana ta' diversi razzez hekk kif indikati fid-Dokument anness mal-avviz, liema oggetti kienu gew elevati mill-Pulizija tat-Taqsima ta' l-Administrative Enforcement fl-24 ta' Marzu 1995 minghar ebda raguni valida fil-ligi, u fin-nuqqas ikun ikkundannat

ihallas kumpens xieraq ghal dawn l-oggetti fl-ammont illi tistabilixxi l-Qorti.

Ghal fini ta‘ kompetenza qieghed jigi dikjarat illi l-pretensjoni attrici ma jeccedux l-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra interpellatorja datata 30 ta Marzu 1997, tal-ittra ufficjali datata 19 ta’ Novembru 1997, tat-taxxa tas-sisa fuq is-servizzi nkonnessjoni mad-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-anness Dok A a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (fol 5 tal-atti) illi l-azzjoni tal-attur hija inamissibbli in vista tal-fatt illi t-terminu previst mill-Artikolu 469 a (4) skada sitt xhur wara l-24 ta’ Marzu 1995 u ghalhekk l-attur tilef l-fakulta li taghtih il-ligi biex jattakka l-att amministrattiv.

Illi in vista tal-fatt li biex tordna l-kumpens din il-Qorti trid l-ewwel tannulla l-ghemil amministrattiv ta’ l-eccipjenti, dan mhux sostenibbli fid-dritt billi jirrizulta li l-attur istitwixxa l-azzjoni tieghu fuori termine kif eccepit.

Illi l-pretensjonijiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-oggetti gew elevati ai termini tad-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jkun opportun illi ssir referenza ghall-<u>fatti in esami</u>, kif risultanti mill-provi.  Dawn, fil-qosor jidhru li huma s-segwenti:-

<u>L-attur</u> (fol 9 sa fol 11 tal-atti) jsostni illi waqt li kien qed jonsob f’Ghawdex matul Marzu 1995 meta “ma kienx l-istagun tal-insib”, kienu gew fuq il-post, il-Pulizija. Bhala

konsegwenza kien gie elevat "…. L-apparat kollu anke ghasafar" skond kif elenkat fl-anness dokument markat <u>Dok A</u> u li jinsab a fol 2 tal-atti. Minn dan id-dokumenti, jirrisulta li fl-24 ta' Marzu 1995, il-Pulizija tas-Sezzjoni tal-Infurzar tal-Ligi Ammisnistrattiva (A.L.E.) kienu qabdu u elevaw par xbieki, zewg gageg, gabjuni, sittax il-gabjetta kif ukoll diversi ghasafar liema dokument hu ffirmat minn fizzjal tal-Pulizija f'isem il-konvenut u minn "G. Fenech" presumibiliment l-attur oltre minn Mario Gauci , Spettur tal-Ambjent. Sussegwentement matul Marzu jew April 1997, ossija sentejn wara dak li kien gara kien gie informat, meta mar fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Furjana, illi "lanqas kien hemm file" u filfatt skond l-attur, kien, dak il-hin, li infetah "file". Inoltre kien gie ukoll informat li l-Pulizija f'Ghawdex ma kellhomx "file".Hu sema' ukoll li kien tkellem mal-fizzjal tal-Pulizija msemmi fix-xhieda tieghu u dan kien qallu li ma kienx hemm problema dwar kumpens. Inoltre hu, qatt ma kien rega' ra, l-oggetti kollha elevati mill-Pulizija.

<u>Id-difensur tal-istess attur</u> (fol 14 sa fol 17 ibid) semma' dak li sar minnu sabiex l-attur jithallas kumpens minhabba l-premess u in konnessjoni mal-oggetti mitlufin elevati mill-Pulizija, kif gja inghad, liema kumpens, pero', qatt ma thallas avolja, skond ix-xhud, kienet, ukoll, intalbet stima taghhom, da parti tal-Pulizija liema stima, izda, qatt ma intbaghatet.

F'isem il-konvenut, xehed l-<u>Ispettur Alexander Miruzzi</u> (fol 34 sa fol 36 ibid) li, pero', ma jidhirx li b'xi mod kien involut fil-kaz in desamina. Difatti, hu xehed a bazi tal-"file", relattiv ghal kaz u bin-numru B/2709/97. Jigi notat li dan il-"file" kien <u>infetah wara l-ilment li sar mill-attur</u> in rigward dan il-kaz meta dan kien sostna li l-oggetti elenkati ma kienux gew ritornati lilu avolja ma kienx tressaq quddiem il-Qorti kompetenti sabiex jwiegeb ghall-akkuza jew akkuzi relattivi. L-istess xhud semma' li l-oggetti kienu filfatt, gew elevati mill-Pulizija skond kif hemm specifikat fl-ircevuta a fol 2 tal-atti. Inoltre x-xhud sostna li f'dan il-kaz, hemm "punt kontenzjuz cioe minn effettivament eleva l-istess oggetti, jekk dawn gew elevati mill-Pulizija jew mid-Dipartiment tal-Ambjent stante li hemm, <u>ukoll</u>, fuq l-istess

ircevuta, il-firma tal-Ispettur tal-Ambjent gja imsemmi. Fix-xhieda in esami jinghad li d-Dipartiment tal-Ambjent qed jikkontendi illi “c-cwievet kienu dejjem f’idejn il-Pulizija” waqt li l-konvenut qed jsostni li l-oggetti kienu fil-pussess attwali tad-Dipartiment imsemmi. Dwar l-istess oggetti, x-xhud kompla jghid li dawn kienu “not traced” u “Presentement ma nafux fejn huma dan l-oggetti ………………”.

Ikkunsidrat

Illi f’dan il-kaz jidher li rrisultaw is-segwenti fatti:-

(a) L-attur kien qed jonsob “ex admissis” meta mhux permess mill-ligi u l-oggetti in kwistjoni gew elevati kif hawn fuq premess.

(b) Pero’, l-istess attur qatt ma gie mressaq quddiem il-Qorti kompetenti, kif trid il-ligi.

(c) Jidher li ma hemm ebda dubbju li l-istess Pulizija kienet intitolata skond il-ligi sabiex televa l-istess oggetti. Ghalhekk dak allegat fic-citazzjoni illi l-konvenut kien eleva l-istess oggetti “minghajr ebda raguni valida fil-ligi” hi assolutament bla pedament ta’ fatt jew legali u l-Pulizija jidher li ghamlet l-istess elevazzjoni skond il-Ligi. Hawnhekk ghandu jinghad li meta dan il-kaz, kien di gja differit ghas-sentenza l-attur intavola rikors fit-28 ta’ Ottubru 2002 sabiex mill-avviz in esami jitnehhew il-kliem “minghajr ebda raguni valida fil-ligi”. Certament f’dan l-istadju tali korrezzjoni ma tistax tigi akkolta waqt li jinghad ukoll li l-istess talba, jekk akkolta taffettwa, certament, is-sustanza tal-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenut. Ghalhekk it-talba fl-istess rikors ghandha tigi michuda.

(d) Pero, premess illi l-Pulizija kienet gustifikata, legalment, sabiex televa l-oggetti in esami, it-talba in esami kif basata, ma setghetx tigi akkolta. Pero, f’kazijiet bhal dawn, hu dejjem sottointiz - minghajr il-htiega illi jinghad specifikatament fl-avviz – li l-Qorti trid tara jekk kienx hemm responsabilta’ basata fuq “<u>culpa</u>” da parti tal-konvenut. Dwar dan, il-konvenut qed jikkontendi li l-

oggetti, wara l-elevazzjoni taghhom, kienu fil-pussess effettiv tad-Dipartiment tal-Ambjent. Pero', ma jidhirx li dan l-argument ghandu jreggi meta jidher b'mod car li kienet il-Pulzija li fizikament elevat l-istess oggetti (ara l-ircevuta gja imsemmija u li tinsab a fol 2 tal-atti) u b'hekk assumiet ir-responsabilta' civili sabiex l-istess oggetti jigu konservati skond kif trid il-ligi sakemm jkun hemm decisjoni finali dwar l-esitu mill-Qorti kompetenti. Milli jidher dan ukoll b'mod car u evidenti a basi tal-kriterji "res ipse loquitur", l-istess oggetti bl-ebda mod ma gew konservati skond kif rikjest mill-Ligi. Difatti lanqas ma setghu jigu rintraccati waqt li jidher li, b'referenza ghall-istess kaz, ma kien hemm ebda "file" miftuh meta l-istess oggetti gew elevati.

Illi ghalhekk tidher evidenti, r-responsabilta' tal-konvenut, fuq basi delittwali, skond l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, ladarba l-oggetti elevati ma nstabux, ghandu l-jedd sabiex jigi kompensat ghat-telf attwali li hu sofra minhabba negligenza da parti tal-konvenut. In rigward dan, l-attur issottometta d-dokument a fol 13 tal-atti minn fejn jidher li hu qed jippretendi s-somma ta' Lm410 bhala kumpens kemm in rigward apparat uzat fl-insib kemm in rigward ghasafar. Dwar din it-talba, ghandu jinghad li l-ammont pretiz mill-attur ma giex kontestat vis-à-vis il-"quantum". Inoltre kellha tkun il-Qorti Kriminali kompetenti li tiddeciedi jekk l-attur kienx responsabbli kriminalment in rigward dan il-kaz kif ukoll jekk l-istess oggetti kellhomx jigu konfiskati skond il-ligi. Fid-dawl ta' danni, dak mitlub mill-attur qed jigi akkolt minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) talba kif dedotta mill-istess avviz, tilqa' it-tieni (2) talba u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala responsabbli ghat-telf li bata' l-attur u dan minhabba li l-hsara li bata' l-attur kienet kagunata u grat minhabba l-htija da parti tal-istess konvenut.

2. tillikwida l-ammont ta’ kumpens dovut fis-somma ta’ Lm410 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm410 bl-imghaxijiet legali mid-19 ta’ Novembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta’ Marzu 1997 ta’ dik ufficjali tad-19 ta’ Novembru 1997 u tat-taxxa tas-sisa fuq is-servizzi in konnessjoni ma’ drittijiet professjonali.

--------------------------------TMIEM--------------------------------